

# Il-Knisja tal-Madonna tal-Mensija



● Chev. Mario Coleiro OSJ

Din il-knisja hija waħda mhux tas-soltu. Fil-fatt din hija knisja li tinstab ġo għar taħt il-livell tat-triq li mir-raħal l-antik tal-Imsieraħ kienet tieħdok għall-inħawi ta' San Ġiljan. Dawn it-tip ta' knejjes jissejħu troglodíti u kienu l-ewwel forma ta' knejjes li bdew jiġu organizzati fil-bidu li r-reliġjon Kristjana bdiet tistabbilixxi ruħha madwar il-baċċin tal-Mediterran. Minkejja dan ma teżisti l-ebda evidenza li l-oriġini ta' din il-knisja jmur lura sal-ewwel żmien meta r-reliġjon Nisranija kienet qegħda tinfirex mal-gzejjer Maltin. Jingħad li din l-għar kienet mibdula fi knisja fi żmien il-Medjuevu, meta f'pajjiżna naraw li kienet drawwa li tinbeda devozjoni ġo xi għar, eżempju l-Madonna tal-Għar fir-Rabat ta' Malta u l-Għar ta' San Martin fil-limiti tal-Imġarr ta' Malta. Insibu wkoll is-Santwarju tal-Mellieħa li għandu tradizzjoni qawwija li x-xbieha tal-Madonna kien pittira San Luqa nnifsu meta kien fostan. Dan jista' jkun l-eqdem wieħed minn dawn it-tip ta' knejjes li bdew min ġo għar. L-ewwel darba li din il-knisja tissemma' f'dokument huwa waqt il-vista pastorali ta' Mons. Dusina meta fil-1575 kien għamel vista fil-parroċċa ta' Birkirkara peress li dak iż-żmien dawn l-inħawi kollha kienu parti minn Birkirkara.

Fil-knisja tal-Mensija nsibu tritiku antik ħafna li fiċ-ċert ipoġġi l-oriġini ta' din il-knisja żgur fil-Medjuevu jekk mhux qabel. Dan it-tritiku li jinstab ġo niċċa maqtugħa fil-blat jirrappreżenta lill-Madonna flimkien ma' San Anard u l-Arkanġlu Gabrijel. Din ix-xbieha hija meqjusa bħala l-iktar xbieha devota f'din il-knisja u li għal żmien twil maż-żminijiet attirat lejn dan l-għar numru kbir ta' devoti. Kien propju dan it-tritiku li għal xi żmien kien intesa u kien abbandunat. Jingħad li dan kien instab min wieħed bidwi waqt li kien qiegħed iħaffer spira. L-istorja tirrakkonta li dan il-bidwi kien qal li minkejja li dan il-kwadru kien sabu ġo ħofra fil-blat kien sab mużbieh jixgħel quddiemu. Dan il-fatt kien qajjem reazzjoni kbira u b'hekk reġgħet qamet id-devozzjoni lejn din ix-xbieha tal-Madonna. Kien minħabba dan il-fatt li din ix-xbieha ħadet l-isem bħala l-Madonna tal-Mensija.

Id-devozzjoni dejjem baqgħet tikber u l-għar kien ingħalaq b'kanċell. Fi żmien l-isqof Cocco Palmeri nbnew żewġ kmamar biswit l-għar biex jintużaw bħala sagristija u minn dak iż-żmien id-devozzjoni kibret sewwa. Fis-sena 1877 qassis minn Birkirkara Dun Ġorġ Debono beda jieħu ħsieb din il-knisja u kien iqaddes kuljum fiha. Hu kien joqgħod ġo dar viċin il-knisja u miegħu kellu jgħix lin-neputi Mikiel. Meta Mikiel kiber sar qassis u ħaseb biex jibni l-knisja li naraw illum. Hu ħalla l-għar kif kienet oriġinarjament u bena l-knisja quddiema. Mat-triq bena faċċata sabiħa ta' knisja li għandha kampnar wieħed fuq il-bieb tagħha. Meta tidħol mill-bieb issib taraġ li jinżel dritt għal ġol-għar u l-knisja li kienet għadha kemm inbniet. Kif għedna fil-bidu dan l-għar kien jinstab ħafna 'l isfel mil-livell

tat-triq u għalhekk meta nbniet il-knisja inbniet fl-istess livell tal-għar. Bħal kull santwarju ieħor din il-knisja wkoll għandha diversi kwadri tal-ex voto li jixhdu d-devozzjoni kbira li din minn dejjem kienet tgawdi mid-devoti. Maż-żmien naraw li kienu bosta l-isqfijiet li żaruha waqt xi vista pastorali kif ukoll kienu diversi dinjitarji li żaruha maż-żminijiet. Ħafna minn dawk li kienu jiġu ġo din il-knisja kienu jħallu xi donazzjoni bħala xhieda taż-żjara tagħhom jew ta' xi grazzja maqlugħa b'interċessjoni tal-Madonna tal-Mensija. Eżempju hu l-kwadru titular li sar bħala radd il-ħajr ta' grazzja speċjali maqlugħa u li ġġib id-data 1780. Insibu wkoll sett statwi tal-appostli fit-taraġ li huma skulturati fil-ġebel. Jidher li dawn ukoll kienu ingħataw minn xi devoti.

Din fi ftit kliem hija l-istorja ta' dan is-Santwarju antik tal-Madonna tal-Mensija li bħal xbihat oħrajn mal-mogħdija taż-żmien attiraw lejhom eluf ta' devoti.




DALLI'S BUTCHER

Fresh Meat • Frozen Meat
Chicken & Rabbit

165, Birkirkara Hill, St Julians
Tel: 2138 0668
Mob: 9946 7580

Mon, Wed, Fri
7.30am - 1.00pm; 4.00pm - 7.00pm
Tues, Thurs, Sat
7.30am - 1.00pm

*Your town butcher with a guarantee*

**Free delivery**

VENICAR

CAR RENTAL

CLEAN | AFFORDABLE | RELIABLE

E: info@venicar.com
M: +356 7937 3203
W: www.venicar.com
M: +356 9949 3429